MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 646/2012

**Aplan Limited (C 2450)**

**vs.**

**Emporium Limited (C 13727)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand is-soċjeta` konvenuta il-ħlas tas-somma ta’ elfejn, tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro u ċenteżmu (€2885.01) dovuta mis-soċjeta’ konvenuta lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti xogħol mibjugħ u kkonsenjat lis-soċjeta’ intimata mis-soċjeta` attriċi.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata kemm permezz bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is- somma ta' elfejn, tmien mija u ħamsa u tmenin Ewro u ċenteżmu (€2885.01), bl-imgħax legali dekorribbli mit-30 ta' Novembru 2011, li hija d-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 4667/11, huma a kariku tas-soċjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------